

# Linji Gwida



## **Linji gwida 4/2018 dwar l-akkreditazzjoni tal-korpi taċ- ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 43 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (2016/679)**

**Verżjoni 3.0**

**L-4 ta' Ġunju 2019**

Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not yet been proofread.

## Storja tal-verżjoni

Verżjoni 3.0	L-4 ta' Ġunju 2019	Inklużjoni tal-Anness 1 (verżjoni 2.0 tal-Anness 1, adottata fl-4 ta' Ġunju 2019 wara konsultazzjoni pubblika)
Verżjoni 2.0	L-4 ta' Diċembru 2018	Adozzjoni tal-Linji Gwida wara konsultazzjoni pubblika — Fl-istess data l-Anness 1 (verżjoni 1.0) ġie adottat għal konsultazzjoni pubblika
Verżjoni 1.0	Is-6 ta' Frar 2018	L-adozzjoni tal-Linji Gwida mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 (verżjoni għall-konsultazzjoni pubblika). Din il-verżjoni ġiet approvata mill-BEPD fil-25 ta' Mejju 2018

## Werrej

1	Introduzzjoni.....	5
2	Kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida .....	6
3	Interpretazzjoni ta' "akkreditazzjoni" għall-finijiet tal-Artikolu 43 tal-GDPR.....	8
4	Akkreditazzjoni skont l-Artikolu 43(1) tal-GDPR.....	9
4.1	Rwol għall-Istati Membri .....	9
4.2	Interazzjoni mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 .....	9
4.3	Ir-rwol tal-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni .....	9
4.4	Ir-rwol tal-awtorità superviżorja .....	10
4.5	Awtorità superviżorja li taġixxi bħala korp taċ-ċertifikazzjoni .....	11
4.6	Rekwiżiti ta' akkreditazzjoni .....	11
Anness 1	.....	13
0	Prefiss .....	13
1	Kamp ta' applikazzjoni.....	13
2	Referenzi normattivi.....	14
3	Termini u Definizzjonijiet.....	14
4	Rekwiżiti ġenerali għall-akkreditazzjoni .....	14
4.1	Kwistjonijiet legali u kuntrattwali.....	14
4.1.1	Responsabbiltà legali.....	14
4.1.2	Ftehim ta' ċertifikazzjoni ("CA") .....	14
4.1.3	Użu ta' siġilli u marki tal-protezzjoni tad-data .....	15
4.2	Amministrazzjoni ta' imparzjalità.....	15
4.3	Imputabilità u finanzjament .....	15
4.4	Kundizzjonijiet mhux diskriminatorji.....	15
4.5	Kunfidenzjalità.....	15
4.6	Informazzjoni disponibbli pubblikament.....	15
5	Rekwiżiti strutturali, l-Artikolu 43(4) [valutazzjoni "xierqa"] .....	16
5.1	Struttura organizzazzjonali u maniġment superjuri .....	16
5.2	Mekkaniżmi għas-salvagwardja tal-imparzjalità .....	16
6	Rekwiżiti għar-riżorsi .....	16
6.1	Il-persunal tal-korp ta' ċertifikazzjoni.....	16
6.2	Riżorsi għall-evalwazzjoni.....	17

7	Rekwiżiti tal-proċess, Artikolu 43(2)(c), (d) .....	17
7.1	Ġenerali .....	17
7.2	Applikazzjoni.....	17
7.3	Rieżami tal-Applikazzjoni.....	17
7.4	Evalwazzjoni .....	18
7.5	Rieżami .....	18
7.6	Deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni.....	18
7.7	Dokumentazzjoni ta' ċertifikazzjoni .....	19
7.8	Direttorju ta' prodotti ċertifikati .....	19
7.9	Sorveljanza .....	19
7.10	Bidliet li jaffettwaw iċ-ċertifikazzjoni .....	19
7.11	Terminazzjoni, tnaqqis, sospensjoni jew irtirar ta' ċertifikazzjoni .....	19
7.12	Rekords.....	20
7.13	Ilmenti u appelli, Artikolu 43(2)(d) .....	20
8	Rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni .....	20
8.1	Rekwiżiti tas-sistema ġenerali ta' ġestjoni .....	21
8.2	Dokumentazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni .....	21
8.3	Kontroll ta' dokumenti .....	21
8.4	Il-kontroll tar-reġistri.....	21
8.5	L-Eżami mill-Maniġment.....	21
8.6	Awditi interni.....	21
8.7	Azzjonijiet korrettivi .....	21
8.8	Azzjonijiet preventiva .....	21
9	Iżjed rekwiżiti addizzjonali.....	21
9.1	Aġġornament tal-metodi ta' evalwazzjoni .....	21
9.2	Żamma ta' għarfien espert .....	21
9.3	Responsabbiltajiet u kompetenzi .....	22
9.3.1	Komunikazzjoni bejn il-KĊ u l-klijenti tiegħu .....	22
9.3.2	Dokumentazzjoni tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni .....	22
9.3.3	Maniġġjar tal-ġestjoni tal-ilmenti.....	22
9.3.4	Ġestjoni ta' rtirar .....	22

## Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 70 (1)(e) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE,

Wara li kkunsidra r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika dwar il-linji gwida li seħħet fi Frar 2018 u dwar l-anness li seħħ bejn l-14 ta' Diċembru 2018 u l-1 ta' Frar 2019, skont l-Artikolu 70(4) tal-GDPR

### ADOTTA L-LINJI GWIDA LI ĠEJJIN

## 1 INTRODUZZJONI

1. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (ir-Regolament (UE) 2016/679) ("il-GDPR"), li jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2018, jipprovdi qafas modernizzat, ta' responsabbiltà u ta' konformità bbażat fuq id-drittijiet fundamentali għall-protezzjoni tad-data fl-Ewropa. Firxa ta' miżuri li jiffaċilitaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR huma ċentrali għal dan il-qafas ġdid. Dawn jinkludu rekwiżiti obbligatorji f'ċirkostanzi speċifiċi (inkluż il-ħatra ta' Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Data u t-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-Data) u miżuri volontarji bħal kodiċi ta' kondotta u mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni.
2. Bħala parti mill-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni u ta' siġilli u marki ta' protezzjoni tad-data, l-Artikolu 43(1) tal-GDPR jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-korpi ta' ċertifikazzjoni li joħorġu ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 42(1) huma akkreditati minn jew l-awtorità superviżorja kompetenti jew il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jew mit-tnejn. Jekk l-akkreditazzjoni ssir mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni skont l-ISO/IEC 17065/2012, ir-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti mill-awtorità ta' sorveljanza kompetenti għandhom jiġu applikati wkoll.
3. Mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni sinifikanti jistgħu jtejbju l-konformità mal-GDPR u t-trasparenza għas-suġġetti tad-data u fir-relazzjonijiet bejn in-negozji (B2B), pereżempju bejn il-kontrolluri u l-proċessuri. Il-kontrolluri u l-proċessuri tad-data se jibbenefikaw minn attestazzjoni minn parti terza indipendenti biex tintwera l-konformità tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tagħhom<sup>1</sup>.
4. F'dan il-kuntest, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (BEPD) jirrikonoxxi li jenħtieġ li jiġu pprovduti linji gwida fir-rigward tal-akkreditazzjoni. Il-valur partikolari u l-għan tal-akkreditazzjoni jinsab fil-fatt li din tipprovdi dikjarazzjoni awtoritattiva tal-kompetenza tal-korpi ta' ċertifikazzjoni li tippermetti l-ġenerazzjoni ta' fiduċja fil-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni.

---

<sup>1</sup> Il-premessa 100 tal-GDPR tiddikjara li l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni jista' jtejjeb it-trasparenza u l-konformità mar-Regolament u jippermetti lis-suġġetti tad-data jivvalutaw il-livell ta' protezzjoni tad-data ta' prodotti u servizzi rilevanti.

5. L-għan tal-linji gwida huwa li jipprovdu gwida dwar kif għandhom jiġu interpretati u implimentati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 43 tal-GDPR. B'mod partikolari, huma għandhom l-għan li jgħinu lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet superviżorji u lill-korpi ta' akkreditazzjoni nazzjonali jistabbilixxu xenarju bażi konsistenti u armonizzati għall-akkreditazzjoni tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni li joħroġu ċertifikazzjoni f'konformità mal-GDPR.

## 2 KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-LINJI GWIDA

6. Dawn il-linji gwida:

- ) jistabbilixxu l-iskop ta' akkreditazzjoni fil-kuntest tal-GDPR;
- ) jispjegaw ir-rotot li huma disponibbli biex jakkreditaw korpi taċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 43(1), u jidentifikaw kwistjonijiet ewlenin li għandhom jiġu kkunsidrati;
- ) jipprovdu qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' akkreditazzjoni addizzjonali meta l-akkreditazzjoni tiġi ttrattata mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni; kif ukoll
- ) jipprovdu qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' akkreditazzjoni, meta l-akkreditazzjoni tiġi ttrattata mill-awtorità ta' superviżjoni.

7. Il-linji gwida ma jikkostitwixxux manwal proċedurali għall-akkreditazzjoni tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni skont il-GDPR. Dawn ma jiżviluppawx standard tekniku ġdid għall-akkreditazzjoni tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni għall-finijiet tal-GDPR.

8. Il-linji gwida huma indirizzati lil:

- ) l-Istati Membri, li għandhom jiżguraw li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni jkunu akkreditati mill-awtorità superviżorja u/jew il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni;
- ) il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jagħmlu l-akkreditazzjoni tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 43(1)(b);
- ) l-awtorità superviżorja kompetenti li tispjega "rekwiżiti addizzjonali" għajr dawk fl-ISO/IEC 17065/2012<sup>2</sup> meta l-akkreditazzjoni titwettaq mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni skont l-Artikolu 43(1)(b);
- ) il-BEPB meta joħroġ opinjoni dwar u japprova r-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-awtorità superviżorja kompetenti skont l-Artikoli 43 (3), 70 (1) (p) u 64 (1) (c);
- ) l-awtorità superviżorja kompetenti li tispjega r-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni meta l-akkreditazzjoni titwettaq mill-awtorità superviżorja skont l-Artikolu 43(1)(a);
- ) partijiet interessati oħra bħal korpi ta' ċertifikazzjoni prospettivi jew sidien ta' skemi ta' ċertifikazzjoni li jipprovdu kriterji u proċeduri ta' ċertifikazzjoni<sup>3</sup>.

---

<sup>2</sup> Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni: Valutazzjoni tal-konformità — Rekwiżiti għall-korpi li jiċċertifikaw il-prodotti, il-proċessi u s-servizzi.

<sup>3</sup> Is-sid tal-iskema huwa organizzazzjoni identifikabbli li stabbilixxiet kriterji ta' ċertifikazzjoni u r-rekwiżiti li abbażi tagħhom għandha tiġi vvalutata l-konformità. L-akkreditazzjoni hija tal-organizzazzjoni li twettaq valutazzjonijiet (l-Artikolu 43.4) kontra r-rekwiżiti tal-iskema ta' ċertifikazzjoni u toħroġ iċ-ċertifikati (jiġifieri l-korp taċ-ċertifikazzjoni, magħruf ukoll bħala l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità). L-organizzazzjoni li twettaq il-valutazzjonijiet tista' tkun l-istess organizzazzjoni li żviluppat u għandha s-sjeda tal-iskema, iżda jista' jkun hemm arranġamenti fejn organizzazzjoni waħda tkun is-sid tal-iskema, u meta organizzazzjoni oħra (jew aktar minn waħda oħra) twettaq il-valutazzjonijiet.

## 9. Definizzjonijiet

10. Id-definizzjonijiet li għejjin jippruvaw jippromwovu fehim komuni tal-elementi bażiċi tal-proċess ta' akkreditazzjoni. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati bħala punti ta' referenza u ma jgħajmu l-ebda pretensjoni li hija infallibbli. Dawn id-definizzjonijiet huma bbażati fuq oqfsa u standards regolatorji eżistenti, speċjalment fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GDPR u l-ISO/IEC 17065/2012.
11. Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, għandhom japplikaw it-tifsiriet li għejjin:
12. *"akkreditazzjoni"* ta' korpi ta' ċertifikazzjoni, ara t-taqsimha 3 dwar l-interpretazzjoni tal-akkreditazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 43 tal-GDPR;
13. *"rekwiżiti addizzjonali"* tfisser ir-rekwiżiti stabbiliti mill-awtorità superviżorja li hija kompetenti u li kontribwom titwettagħ l-akkreditazzjoni<sup>4</sup>;
14. *"ċertifikazzjoni"* għandha tfisser il-valutazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni imparzjali<sup>5</sup> ta' parti terza li wriet li l-kriterji taċ-ċertifikazzjoni għew issodisfati;
15. *"korp ta' ċertifikazzjoni"* għandha tfisser korp terz ta' valutazzjoni<sup>6</sup> tal-konformità<sup>7</sup> li jopera mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni<sup>8</sup>;
16. *"skema ta' ċertifikazzjoni"* għandha tfisser sistema ta' ċertifikazzjoni relatata ma' prodotti, proċessi u servizzi speċifikati li għalihom japplikaw l-istess rekwiżiti speċifiċi, regoli u proċeduri speċifiċi<sup>9</sup>;
17. *"kriterji"* jew kriterji ta' ċertifikazzjoni għandhom ifissru l-kriterji li fuqhom titwettagħ ċertifikazzjoni (stima ta' konformità)<sup>10</sup>;
18. *"korp nazzjonali tal-akkreditazzjoni"* għandha tfisser l-uniku korp fi Stat Membru msemmi skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jwettaq akkreditazzjoni b'awtorità derivata mill-Istat<sup>11</sup>.

---

<sup>4</sup> L-Artikolu 43(1), (3) u (6).

<sup>5</sup> Kun af li skont l-ISO 17000, attestazzjoni minn parti terza (ċertifikazzjoni) hija "applikabbli għall-oġġetti kollha tal-valutazzjoni tal-konformità" (5.5) "ħlief għall-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità nfushom, li għalihom hija applikabbli l-akkreditazzjoni" (5.6).

<sup>6</sup> L-attività ta' valutazzjoni tal-konformità ta' parti terza titwettagħ minn organizzazzjoni li tkun indipendenti mill-persuna jew mill-organizzazzjoni li tipprovdi l-oġġett, u mill-interessi tal-utent f'dak l-oġġett, ara l-istandard tal-ISO 17000, 2.4.

<sup>7</sup> Ara l-ISO 17000, 2.5: "korp li jwettaq servizzi ta' valutazzjoni tal-konformità"; ISO 17011: "korp li jwettaq servizzi ta' valutazzjoni tal-konformità u li jista' jkun l-oġġett ta' akkreditazzjoni"; ISO 17065, 3.12.

<sup>8</sup> L-Artikolu 42.1, 42.5 GDPR.

<sup>9</sup> Ara 3.9 flimkien mal-Anness B ta' ISO 17065.

<sup>10</sup> Ara l-Artikolu 42(5).

<sup>11</sup> Ara l-Artikolu 2.11 765/2008/KE.

### 3 INTERPRETAZZJONI TA' "AKKREDITAZZJONI" GĦALL-FINIJIET TAL-ARTIKOLU 43 TAL-GDPR

19. Il-GDPR ma jiddefinixxi "akkreditazzjoni". L-Artikolu 2(10) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-akkreditazzjonijiet, jiddefinixxi l-akkreditazzjoni bħala:
20. "attestazzjoni minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li korp ta' valutazzjoni tal-konformità jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti minn standards armonizzati u, fejn applikabbli, kwalunkwe rekwiżit addizzjonali inklużi dawk stabbiliti fl-iskemi settorjali rilevanti, sabiex titwettaq attività speċifika ta' valutazzjoni tal-konformità"
21. Skont l-ISO/IEC 17011
22. "akkreditazzjoni tirreferi għal attestazzjoni ta' parti terza marbuta ma' korp tal-valutazzjoni tal-konformità li juri dimostrazzjoni formali tal-kompetenza tiegħu li jwettaq kompiti speċifiċi ta' valutazzjoni tal-konformità."
23. L-Artikolu 43(1) jistipula:
24. "Mingħajr preġudizzju għall-kompiti u s-setgħat tal-awtorità superviżorja kompetenti taħt l-Artikoli 57 u 58, il-korpi ta' ċertifikazzjoni li għandhom livell xieraq ta' għarfien espert fir-rigward tal-protezzjoni tad-data għandhom, wara li jinfurmaw l-awtorità superviżorja sabiex din tkun tista' teżerċita s-setgħat tagħha skont il-punt (h) tal-Artikolu 58(2) fejn meħtieġ, joħroġu u jġeddu ċertifikazzjoni. Stat Membru għandu jiżgura li dawk il-korpi ta' ċertifikazzjoni huma akkreditati minn waħda jew wieħed, jew mit-tnejn, li ġejjin:
- (a) l-awtorità superviżorja li hija kompetenti skont l-Artikolu 55 jew 56;
  - (b) il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni msemmi f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'konformità ma' ISO/IEC 17065/2012 u mar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti mill-awtorità superviżorja li hija kompetenti skont l-Artikolu 55 jew 56."
25. Fir-rigward tal-GDPR, ir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni se jkunu ggwidati minn:
- J ISO/IEC 17065/2012 u r-"rekwiżiti addizzjonali" stabbiliti mill-awtorità superviżorja li hija kompetenti skont l-Artikolu 43(1)(b), meta l-akkreditazzjoni titwettaq mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni u mill-awtorità superviżorja, meta din twettaq l-akkreditazzjoni hija stess.
26. Fiż-żewġ każijiet, ir-rekwiżiti kkonsolidati għandhom ikopru r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 43(2).
27. Il-BEPD jirrikonoxxi li l-għan tal-akkreditazzjoni huwa li jipprovdi dikjarazzjoni awtoritattiva tal-kompetenza ta' korp biex iwettaq ċertifikazzjoni (attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità)<sup>12</sup>. L-akkreditazzjoni f'termini tal-GDPR għandha tinftiehem li tfisser dan li ġejj:
28. attestazzjoni<sup>13</sup> minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni u/jew minn awtorità superviżorja, li korp taċ-ċertifikazzjoni<sup>14</sup> jkun ikkwalifikat biex iwettaq ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 42 u 43

---

<sup>12</sup> Ara l-premessa 15 tad-Direttiva 765/2008/KE.



tal-GDPR, filwaqt li jqis l-ISO/IEC 17065/2012 u r-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti mill-awtorità superviżorja u jew mill-Bord.

## 4 AKKREDITAZZJONI SKONT L-ARTIKOLU 43(1) TAL-GDPR

29. L-Artikolu 43(1) jirrikonoxxi li hemm diversi għażliet għall-akkreditazzjoni tal-korpi ta' ċertifikazzjoni. Il-GDPR jirrikjedi li l-awtoritajiet superviżorji u l-Istati Membri jiddefinixxu l-proċess għall-akkreditazzjoni tal-korpi ta' ċertifikazzjoni. Din it-taqsimha tistabbilixxi r-rotot għall-akkreditazzjoni previsti fl-Artikolu 43.

### 4.1 Rwol għall-Istati Membri

30. L-Artikolu 43(1) jirrikjedi li l-Istati Membri *jiżguraw* li l-korpi ta' ċertifikazzjoni jkunu akkreditati, iżda jippermetti lil kull Stat Membru li jiddetermina min għandu jkun responsabbli biex iwettaq il-valutazzjoni li twassal għall-akkreditazzjoni. Abbażi tal-Artikolu 43(1), hemm tliet għażliet disponibbli; l-akkreditazzjoni titwettaq:

- (1) unikament mill-awtorità superviżorja, abbażi tar-rekwiżiti tagħha stess;
- (2) biss mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni imsemmi skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 u abbażi tal-ISO/IEC 17065/2012 u b'rekwiżiti addizzjonali stabbiliti mill-awtorità superviżorja kompetenti; jew
- (3) kemm mill-awtorità superviżorja kif ukoll mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni (u skont ir-rekwiżiti kollha elenkati fil-punt 2 hawn fuq).

31. Huwa f'idejn l-Istat Membru individwali li jiddeċiedi jekk il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jew l-awtorità superviżorja jew it-tnejn li huma flimkien iwettqux dawn l-attivitajiet ta' akkreditazzjoni iżda fi kwalunkwe każ għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti riżorsi adegwati<sup>15</sup>.

### 4.2 Interazzjoni mar-Regolament (KE) Nru 765/2008

32. L-EDPB jinnota li l-Artikolu 2(11) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jiddefinixxi korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni bħala "*l-uniku* korp fi Stat Membru li jwettaq akkreditazzjoni b'awtorità derivata mill-Istat".

33. L-Artikolu 2(11) jista' jitqies bħala inkonsistenti mal-Artikolu 43(1) tal-GDPR, li jippermetti l-akkreditazzjoni minn korp ieħor għajr il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni tal-Istat Membru. Il-BEPD iqis li l-intenzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE kienet li tidderoga mill-prinċipju ġenerali li l-akkreditazzjoni titmexxa esklussivament mill-awtorità nazzjonali ta' akkreditazzjoni, billi tagħti lill-awtoritajiet superviżorji l-istess setgħa fir-rigward tal-akkreditazzjoni tal-korpi ta' ċertifikazzjoni. Għalhekk l-Artikolu 43(1) huwa *lex specialis vis-a-vis* l-Artikolu 2(11) tar-Regolament 765/2008.

### 4.3 Ir-rwol tal-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni

---

<sup>13</sup> Ara l-Artikolu 2.10 tar-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti.

<sup>14</sup> Ara d-definizzjoni tat-terminu "akkreditazzjoni" skont ISO 17011.

<sup>15</sup> Ara l-Artikolu 4(9) tar-Regolament (KE) 765/2008.

34. L-Artikolu 43(1)(b) jipprovdli li l-korp tal-akkreditazzjoni nazzjonali għandu jakkredita korpi taċ-ċertifikazzjoni skont l-ISO/IEC 17065/2012 u r-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti mill-awtorità superviżorja kompetenti.
35. Għaċ-ċarezza, il-BEPD jinnota li r-referenza speċifika għal “għall-punt (b) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 43(3) jimplika li “dawk ir-rekwiżiti” tindika r-“rekwiżiti addizzjonali” stabbiliti mill-awtorità superviżorja kompetenti skont l-Artikolu 43(1)(b) u r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 43(2).
36. Fil-proċess tal-akkreditazzjoni, il-korpi nazzjonali ta’ akkreditazzjoni għandhom japplikaw ir-rekwiżiti addizzjonali li għandhom jiġu pprovduti mill-awtoritajiet superviżorji.
37. Korp ta’ ċertifikazzjoni b’akkreditazzjoni eżistenti abbażi tal-ISO/IEC 17065/2012 għal skemi ta’ ċertifikazzjoni mhux relatati mal-GDPR li jixtieq jestendi l-kamp ta’ applikazzjoni tal-akkreditazzjoni tiegħu biex ikopri ċ-ċertifikazzjoni maħruġa skont il-GDPR se jkun jeħtieġ li jissodisfa r-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti mill-awtorità superviżorja jekk l-akkreditazzjoni tiġi ttrattata mill-korp tal-akkreditazzjoni nazzjonali. Jekk l-akkreditazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni skont il-GDPR tiġi offruta biss mill-awtorità superviżorja kompetenti, korp ta’ ċertifikazzjoni li japplika għall-akkreditazzjoni għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mill-awtorità superviżorja rispettiva.

#### 4.4 Ir-rwol tal-awtorità superviżorja

38. Il-BEPD jinnota li l-Artikolu 57(1)(q) jipprovdli li l-awtorità superviżorja *għandha* twettaq l-akkreditazzjoni ta’ korp ta’ ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 43 bħala “kompitu ta’ awtorità superviżorja” skont l-Artikolu 57 u l-Artikolu 58(3)(e) jipprovdli li l-awtorità superviżorja għandha s-setgħa u l-konsulenza akkreditati biex takkredita korpi ta’ ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 43. Il-kliem tal-Artikolu 43(1) jipprovdli xi flessibbiltà u l-funzjoni ta’ akkreditazzjoni tal-awtorità superviżorja għandha tinqara bħala kompitu biss fejn xieraq. Il-liġi tal-Istat Membru tista’ tintuża biex tiċċara dan il-punt. Madankollu, fil-proċess tal-akkreditazzjoni minn korp tal-akkreditazzjoni nazzjonali, il-korp taċ-ċertifikazzjoni huwa meħtieġ mill-Artikolu 43(2)(a) li juri l-indipendenza u l-kompetenza tiegħu għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja kompetenti fir-rigward tas-suġġett tal-mekkaniżmu ta’ ċertifikazzjoni li joffri<sup>16</sup>.
39. Jekk Stat Membru jistipula li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandhom jiġu akkreditati mill-awtorità superviżorja, l-awtorità superviżorja għandha tistabbilixxi rekwiżiti ta’ akkreditazzjoni inklużi, iżda mhux limitati għar-rekwiżiti deskritti fl-Artikolu 43(2). Meta mqabbel mal-obbligi li għandhom x’jaqsmu mal-akkreditazzjoni ta’ korpi ta’ ċertifikazzjoni mill-korpi nazzjonali tal-akkreditazzjoni, l-Artikolu 43 jipprovdli anqas istruzzjonijiet dwar ir-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni meta l-awtorità ta’ superviżjoni twettaq l-akkreditazzjoni hi stess. Fl-interess li jsir kontribut għal approċċ armonizzat għall-akkreditazzjoni, il-kriterji ta’ akkreditazzjoni użati mill-awtorità ta’ superviżjoni għandhom ikunu ggwidati mill-ISO/IEC 17065 u għandhom ikunu kkumpliementati minn rekwiżiti addizzjonali li awtorità ta’ superviżjoni tistabbilixxi skont l-Artikolu 43(1)(b). Il-BEPD jinnota li l-Artikolu 43(2)(a)-(e) jirrifletti u jispeċifika r-rekwiżiti tal-ISO 17065 li se jikkontribwixxu għall-konsistenza.
40. Jekk Stat Membru jistipula li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandhom jiġu akkreditati mill-korpi tal-akkreditazzjoni nazzjonali, l-awtorità superviżorja għandha tistabbilixxi rekwiżiti

---

<sup>16</sup> Ir-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti mill-awtorità superviżorja skont l-Artikolu 43(1)(b) għandhom jispeċifikaw ir-rekwiżiti għall-indipendenza u l-għarfien espert. Ara wkoll l-Anness 1 tal-linji gwida.

addizzjonali li jikkumplimentaw il-konvenzjonijiet ta' akkreditazzjoni eżistenti previsti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 (fejn l-Artikoli 3–14 jirrigwardaw l-organizzazzjoni u l-operat tal-akkreditazzjoni tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità) u r-regoli tekniċi li jiddeskrivu l-metodi u l-proċeduri tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni. Fid-dawl ta' dan, ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 jipprovdi aktar gwida: L-Artikolu 2(10) jiddefinixxi l-akkreditazzjoni u jirreferi għal “standards armonizzati” u “kwalunkwe rekwiżiti addizzjonali inklużi daww stipulati fl-iskemi settorjali rilevanti”. Minn dan isegwi li r-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti mill-awtorità superviżorja għandhom jinkludu rekwiżiti speċifiċi u għandhom ikunu ffukati fuq l-iffaċilitar tal-valutazzjoni, fost l-oħrajn, tal-indipendenza u l-livell ta' għarfien espert dwar il-protezzjoni tad-data tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni, pereżempju l-kapaċità tagħhom li jevalwaw u jiċċertifikaw l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data personali mill-kontrolluri u l-proċessuri skont l-Artikolu 42(1). Dan jinkludi l-kompetenza meħtieġa għal skemi settorjali, u fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-protezzjoni tad-data personali<sup>17</sup>. L-Anness ta' dawn il-linji gwida jista' jgħin biex jinforma lill-awtoritajiet superviżorji kompetenti meta jiġu stabbiliti r-“rekwiżiti addizzjonali” skont l-Artikoli 43(1)(b) u 43(3).

41. L-Artikolu 43(6) jipprovdi li “[i]r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u l-kriterji taċ-ċertifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 42(5) għandhom isiru pubbliċi mill-awtorità superviżorja f'forma faċilment aċċessibbli”. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata t-trasparenza, għandhom jiġu ppubblikati l-kriterji u r-rekwiżiti kollha approvati minn awtorità ta' superviżjoni. F'termini ta' kwalità u fiduċja fil-korpi ta' ċertifikazzjoni, ikun tajjeb li, ir-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni kollha jkunu faċilment disponibbli għall-pubbliku.

#### 4.5 Awtorità superviżorja li tagħxi bħala korp taċ-ċertifikazzjoni

42. L-Artikolu 42(5) jipprevedi li awtorità superviżorja tista' toħroġ ċertifikazzjonijiet, iżda l-GDPR ma jeħtieġx li din tiġi akkreditata biex jissodisfa r-rekwiżiti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008. Il-BEPD jinnotta li l-Artikolu 43(1)(a) u b'mod speċifiku l-Artikolu 58(2)(h), 3(a, e-f) jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet superviżorji biex iwettqu kemm l-akkreditazzjoni kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni, u fl-istess ħin jipprovdu pariri, u, fejn applikabbli, jirtiraw ċertifikazzjonijiet, jew jordnaw korpi ta' ċertifikazzjoni biex ma joħroġux ċertifikazzjonijiet.
43. Jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn is-separazzjoni tar-rwoli u d-dmirijiet ta' akkreditazzjoni u ċertifikazzjoni tkun xierqa jew meħtieġa, pereżempju, jekk awtorità ta' superviżjoni u korpi oħra ta' ċertifikazzjoni jeżistu flimkien fi Stat Membru u t-tnejn li huma joħroġu l-istess firxa ta' ċertifikazzjonijiet. L-awtoritajiet superviżorji għandhom għalhekk jieħdu miżuri organizzattivi suffiċjenti biex jisseparaw il-kompiti taħt il-GDPR biex jankraw u jiffaċilitaw il-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni filwaqt li jieħdu prekawzjonijiet biex jiġu evitati kunflitti ta' interess li jstgħu jirriżultaw minn dawn il-kompiti. Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-awtoritajiet superviżorji għandhom iżommu f'moħħhom il-livell Ewropew armonizzat meta jifformulaw il-liġi u l-proċeduri nazzjonali relatati mal-akkreditazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni skont il-GDPR.

#### 4.6 Rekwiżiti ta' akkreditazzjoni

44. L-Anness ta' dawn il-linji gwida jipprovdi gwida dwar kif jiġu identifikati rekwiżiti ta' akkreditazzjoni addizzjonali. Hija tidentifika d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-GDPR u

---

<sup>17</sup> L-Artikolu 1(2) tar-GDPR.

tissuġġerixxi rekwiżiti li l-awtoritajiet superviżorji u l-korpi ta' akkreditazzjoni nazzjonali għandhom jikkunsidraw biex jiżguraw konformità mal-GDPR.

45. Kif stabbilit hawn fuq, fejn il-korpi taċ-ċertifikazzjoni jkunu akkreditati mill-korp tal-akkreditazzjoni nazzjonali skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008, l-ISO/IEC 17065/2012 se jkun l-istandard ta' akkreditazzjoni rilevanti kkumplimentat mir-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti mill-awtorità superviżorja. L-Artikolu 43(2) jirrifletti d-dispożizzjonijiet ġeneriċi tal-ISO/IEC 17065/2012 fid-dawl tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali skont il-GDPR. Il-qafas fl-anness juża l-Artikolu 43(2) u ISO/IEC 17065/2012 bħala bażi għall-identifikazzjoni tar-rekwiżiti flimkien ma' aktar kriterji relatati mal-valutazzjoni tal-għarfien espert dwar il-protezzjoni tad-data tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni u l-kapaċità tagħhom li jirrispettaw id-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali kif stabbilit fil-GDPR. Il-BEPD jinnota li huwa partikolarment iffukat fuq l-iżgurar li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni jkollhom livell xieraq ta' għarfien espert dwar il-protezzjoni tad-data skont l-Artikolu 43(1).
46. Ir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni addizzjonali stabbiliti mill-awtorità ta' superviżjoni se japplikaw għall-korpi taċ-ċertifikazzjoni kollha li jitolbu akkreditazzjoni. Il-korp ta' akkreditazzjoni jevalwa jekk il-korp ta' ċertifikazzjoni huwiex kompetenti biex iwettaq l-attività ta' ċertifikazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti addizzjonali u s-suġġett taċ-ċertifikazzjoni. Għandu jkun hemm referenzi għal setturi jew oqsma speċifiċi ta' ċertifikazzjoni li għalihom il-korp ta' ċertifikazzjoni jkun akkreditat.
47. Il-BEPD jinnota wkoll li l-kompetenza speċjali fil-qasam tal-protezzjoni tad-data hija meħtieġa wkoll flimkien mar-rekwiżiti ISO/IEC 17065/2012, jekk korpi esterni oħrajn, bħal laboratorji jew awdituri, iwettqu partijiet jew komponenti ta' attivitajiet ta' ċertifikazzjoni f'isem korp taċ-ċertifikazzjoni akkreditat. F'dawn il-każijiet, l-akkreditazzjoni ta' dawn il-korpi esterni skont il-GDPR innifsu mhijiex possibbli. Madankollu, sabiex tiġi żgurata l-adegwatezza ta' dawn il-korpi għall-attività tagħhom f'isem il-korpi taċ-ċertifikazzjoni akkreditati, huwa meħtieġ li l-korp taċ-ċertifikazzjoni akkreditat jiżgura li l-għarfien espert tal-protezzjoni tad-data meħtieġ għall-korp akkreditat irid ikun ukoll fis-seħħ u jintwera mal-korp estern fir-rigward tal-attività rilevanti mwettqa.
48. Il-qafas għall-identifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni addizzjonali kif ippreżentat fl-anness ta' dawn il-linji gwida ma jikkostitwixxix manwal proċedurali għall-proċess ta' akkreditazzjoni mwettaq mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jew mill-awtorità ta' superviżjoni. Dan jipprovdi gwida dwar l-istruttura u l-metodoloġija u b'hekk sett ta' għodod lill-awtoritajiet superviżorji biex jidentifikaw ir-rekwiżiti addizzjonali għall-akkreditazzjoni.

## ANNEX 1

L-Anness 1 jipprovdi gwida għall-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni "addizzjonali" fir-rigward tal-ISO/IEC 17065/2012 u skont l-Artikoli 43(1)(b) u 43(3) tal-GDPR.

Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti ssuġġeriti li awtorità ta' superviżjoni tal-protezzjoni tad-data għandha tabbozza u li japplikaw matul l-akkreditazzjoni ta' korp ta' ċertifikazzjoni mill-Korp Nazzjonali ta' Akkreditazzjoni jew mill-awtorità ta' sorveljanza kompetenti<sup>18</sup>. Dawn ir-rekwiżiti addizzjonali għandhom jiġu kkomunikati lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data qabel l-approvazzjoni skont l-Artikolu 64(1)(c).

Dan l-Anness għandu jinqara flimkien mal-ISO/IEC 17065/2012. In-numri tas-sezzjoni li jintużaw hawnhekk jikkorrispondu għal daww użati fl-ISO/IEC 17065/2012. Fejn l-awtoritajiet superviżorji jwettqu akkreditazzjoni skont l-Artikolu 43(1)(a), prattika tajba tkun li dan l-approċċ jiġi segwit fejn ikun prattiku. Dan se jappoġġa l-akkreditazzjoni armonizzata tal-UE.

Minkejja l-gwida li ġejja jew in-nuqqas ta' gwida dwar kwalunkwe oġġett ta' ISO/IEC 17065/2012, l-awtorità ta' superviżjoni kompetenti tista' tifformula aktar rekwiżiti addizzjonali dwar dawn il-punti jekk tkun konformi mal-liġi nazzjonali.

## 0 PREFISS

[Din it-taqsimha hija għal kwalunkwe Termini ta' kooperazzjoni miftiehma, jekk applikabbli, bejn il-Korp Nazzjonali ta' Akkreditazzjoni u l-awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-data, pereżempju min għandu jkun responsabbli biex jirċievi l-applikazzjonijiet jew kif għandu jiġi organizzat ir-rikonossiment ta' kriterji approvati bħala parti mill-proċess ta' akkreditazzjoni.]

## 1 KAMP TA' APPLIKAZZJONI<sup>19</sup>

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-ISO/IEC 17065/2012 għandu jiġi applikat skont il-GDPR. Il-linji gwida dwar l-akkreditazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni jipprovdu aktar informazzjoni. L-ambitu tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni (pereżempju, ċertifikazzjoni ta' operazzjonijiet ta' pproċessar ta' servizzi cloud) għandu jitqies fil-valutazzjoni mill-KAN u l-awtorità superviżorja kompetenti matul il-proċess ta' akkreditazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' kriterji, għarfien espert u metodoloġija ta' evalwazzjoni. Il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-ISO/IEC 17065/2012 li jkopri prodotti, proċessi u servizzi ma għandux inaqqas jew jaqbeż ir-rekwiżiti tal-GDPR, pereżempju mekkaniżmu ta' governanza ma jistax ikun l-uniku element ta' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni, peress li ċ-ċertifikazzjoni għandha tinkludi l-ipproċessar ta' data personali, jiġifieri l-operazzjonijiet ta' pproċessar. Skont l-Artikolu 42(1), iċ-ċertifikazzjoni tal-GDPR hija applikabbli biss għall-operazzjonijiet ta' pproċessar ta' kontrolluri u proċessuri.

---

<sup>18</sup> Għal informazzjoni dwar il-proċess ta' approvazzjonijiet għall-kriterji ta' ċertifikazzjoni jekk jogħġbok ara t-taqsimha 4 tal-linji gwida ta' ċertifikazzjoni.

<sup>19</sup> In-numerazzjoni tirreferi għall-ISO/IEC 17065/2012.

## 2 REFERENZI NORMATTIVI

Il-GDPR għandu preċedenza fuq l-ISO/IEC 17065/2012. Jekk fir-rekwiżiti addizzjonali jew permezz ta' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni, issir referenza għal standards ISO oħra, dawn għandhom jiġu interpretati f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-GDPR.

## 3 TERMINI U DEFINIZZJONIJIET

Fil-kuntest ta' dan l-Anness, it-termini u d-definizzjonijiet tal-linji gwida dwar l-akkreditazzjoni (WP 261) u ċ-ċertifikazzjoni (BEPD 1/2018) għandhom japplikaw u għandhom preċedenza fuq id-definizzjonijiet tal-ISO.

## 4 REKWIŻITI ĠENERALI GĦALL-AKKREDITAZZJONI

### 4.1 Kwistjonijiet legali u kuntrattwali

#### 4.1.1 Responsabbiltà legali

Korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun kapaċi juri (f'kull ħin) lill-KAN jew lis-CSA li għandu proċeduri aġġornati li juru konformità mar-responsabbiltajiet legali stabbiliti fit-termini tal-akkreditazzjoni, inklużi r-rekwiżiti addizzjonali fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament 2016/679/KE. Ta' min jinnota li, peress li l-korp taċ-ċertifikazzjoni huwa kontrollur/proċessur tad-data nnifsu, għandu jkun kapaċi juri evidenza tar-Regolament 2016/679/KE dwar proċeduri u miżuri konformi speċifikament għall-kontroll u t-trattament tad-data personali tal-organizzazzjoni tal-klijenti bħala parti mill-proċess ta' ċertifikazzjoni.

Is-CSA jista' jiddeċiedi li jżid rekwiżiti u proċeduri ulterjuri biex jikkontrolla l-konformità tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-GDPR qabel l-akkreditazzjoni.

#### 4.1.2 Ftehim ta' ċertifikazzjoni ("CA")

Ir-rekwiżiti minimi għal ftehim ta' ċertifikazzjoni għandhom jiġu ssupplimentati bil-punti li ġejjin:

Minbarra r-rekwiżiti tal-ISO/IEC 17065/2012, il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu juri li l-ftehimiet ta' ċertifikazzjoni tiegħu:

1. jitolbu lill-applikant dejjem jikkonforma mar-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni ġenerali skont it-tifsira ta' 4.1.2.2 lit. a ISO/IEC 17065/2012 u l-kriterji approvati mill-awtorità ta' sorveljanza kompetenti jew il-BEPD skont l-Artikolu 43(2)(b) u l-Artikolu 42(5);
2. jesigū li l-applikant jippermetti trasparenza sħiħa lill-awtorità ta' superviżjoni kompetenti fir-rigward tal-proċedura ta' ċertifikazzjoni inklużi kwistjonijiet kuntrattwali kunfidenzjali relatati mal-konformità tal-protezzjoni tad-data skont l-Artikoli 42(7) u 58(1)(c);
3. ma jnaqqas ir-responsabbiltà tal-applikant għal konformità mar-Regolament 2016/679/KE u mingħajr preġudizzju għall-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji li huwa kompetenti f'konformità mal-Artikolu 42(5);
4. jeħtieġu li l-applikant jipprovi lill-korp ta' ċertifikazzjoni bl-informazzjoni u l-aċċess kollha għall-attivitajiet ta' pproċessar tiegħu li huma meħtieġa biex titwettag il-proċedura ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 42(6);
5. jitolbu lill-applikant jikkonforma mal-iskadenzi u l-proċeduri applikabbli. Il-ftehim ta' ċertifikazzjoni għandu jistipula li l-iskadenzi u l-proċeduri li jirriżultaw, pereżempju, mill-programm ta' ċertifikazzjoni jew regolamenti oħra għandhom jiġu osservati;

6. fir-rigward ta' 4.1.2.2 lit. c Nru 1 ISO/IEC 17065/2012 jistipula r-regoli ta' validità, tiġdid, u rtirar skont l-Artikoli 42(7) u 43(4) inklużi regoli li jstabbilixxu intervalli xierqa għar-rivalutazzjoni jew għal reviżjoni (regolarità) skont l-Artikolu 42(7);
7. jippermetti lill-korp taċ-ċertifikazzjoni jiżvela l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-għoti taċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikoli 42(8) u 43(5);
8. jinkludi regoli dwar il-prekawzjonijiet meħtieġa għall-investigazzjoni ta' lmenti fit-tifsira ta' 4.1.2.2 lit. c Nru 2, addizzjonalment, lit. j għandu jkun fiha wkoll dikjarazzjonijiet espliċiti dwar l-istruttura u l-proċedura għall-ġestjoni tal-ilmenti skont l-Artikolu 43(2)(d);
9. minbarra r-rekwiżiti minimi msemmija fi 4.1.2.2 ISO/IEC 17065/2012, jekk il-konsegwenzi tal-irtirar jew is-sospensjoni tal-akkreditazzjoni għall-korp ta' ċertifikazzjoni għandhom impatt fuq il-klijent, f'dak il-każ il-konsegwenzi għall-klijent għandhom jiġu indirizzati kollha;
10. jitolbu lill-applikant biex jinforma lill-korp ta' ċertifikazzjoni f'każ ta' bidliet sinifikanti fis-sitwazzjoni attwali jew legali tiegħu u fil-prodotti, proċessi u servizzi kkonċernati miċ-ċertifikazzjoni.

#### 4.1.3 Użu ta' siġilli u marki tal-protezzjoni tad-data

Ċertifikati, siġilli u marki għandhom jintużaw biss f'konformità mal-Artikolu 42 43 u l-linji gwida dwar l-akkreditazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni.

## 4.2 Amministrazzjoni ta' imparzjalità

Il-korp ta' akkreditazzjoni għandu jiżgura li minbarra r-rekwiżit fl-4.2. ISO/IEC 17065/2012

1. il-korp taċ-ċertifikazzjoni jikkonforma mar-rekwiżiti addizzjonali tal-awtorità supervizzorja kompetenti (skont l-Artikolu 43(1)(b))
  - a. f'konformità mal-Artikolu 43(2)(a) jipprovdi evidenza separata tal-indipendenza tiegħu. Dan japplika b'mod partikolari għall-evidenza dwar il-finanzjament tal-korp ta' ċertifikazzjoni sa fejn dan jikkonċerna l-assigurazzjoni ta' imparzjalità;
  - b. il-kompiti u l-obbligi tiegħu ma jwasslux għal kunflitt ta' interess skont l-Artikolu 43(2)(e);
2. il-korp ta' ċertifikazzjoni ma jkollu l-ebda konnessjoni rilevanti mal-klijent li jivvaluta.

## 4.3 Imputabilità u finanzjament

Il-korp tal-akkreditazzjoni għandu, b'żieda mar-rekwiżit tal-4.3.1 ISO/IEC 17065/2012 jiżgura fuq bażi regolari li l-korp taċ-ċertifikazzjoni jkollu miżuri xierqa (pereżempju assigurazzjoni jew riżervi) biex ikopri r-responsabbiltajiet tiegħu fir-reġjuni ġeografiċi li fih jopera.

## 4.4 Kundizzjonijiet mhux diskriminatorji

Jistgħu jiġu fformulati rekwiżiti addizzjonali mill-awtorità supervizzorja jekk ikunu konformi mal-liġi nazzjonali.

## 4.5 Kunfidenzjalità

Jistgħu jiġu fformulati rekwiżiti addizzjonali mill-awtorità supervizzorja jekk ikunu konformi mal-liġi nazzjonali.

## 4.6 Informazzjoni disponibbli pubblikament

Il-korp ta' akkreditazzjoni għandu, minbarra r-rekwiżit fl-4.6 ISO/IEC 17065/2012, jirrikjedi mill-korp ta' ċertifikazzjoni li mill-inqas:

1. il-verżjonijiet kollha (attwali u preċedenti) tal-kriterji approvati użati skont it-tifsira tal-Artikolu 42(5) jiġu ppubblikati u disponibbli faċilment kif ukoll il-proċeduri kollha ta' ċertifikazzjoni, filwaqt li ġeneralment jiġi ddikjarat il-perjodu ta' validità rispettiv;
2. l-informazzjoni dwar il-proċeduri tat-trattament tal-ilmenti u l-appelli jsiru pubbliċi skont l-Artikolu 43(2)(d).

## 5 REKWIŻITI STRUTTURALI, L-ARTIKOLU 43(4) [VALUTAZZJONI "XIERQA"]

### 5.1 Struttura organizzazzjonali u maniġment superjuri

Rekwiżiti addizzjonali jistgħu jiġu fformulati mill-awtorità superviżorja.

### 5.2 Mekkaniżmi għas-salvagwardja tal-imparzjalità

Rekwiżiti addizzjonali jistgħu jiġu fformulati mill-awtorità superviżorja.

## 6 REKWIŻITI GĦAR-RIŻORSI

### 6.1 Il-persunal tal-korp ta' ċertifikazzjoni

Minbarra r-rekwiżit fit-taqsimha 6 tal-ISO/IEC 17065/2012, il-korp ta' akkreditazzjoni għandu jiżgura li għal kull korp ta' ċertifikazzjoni l-persunal tiegħu:

1. ikun wera kompetenza (għarfien u esperjenza) xierqa u kontinwa fir-rigward tal-protezzjoni tad-data skont l-Artikolu 43(1);
2. ikollu indipendenza u għarfien espert kontinwu fir-rigward tal-oġġett ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 43(2)(a) u ma jkollux kunflitt ta' interess skont l-Artikolu 43(2)(e);
3. jimpenja ruħu li jirrispetta l-kriterji msemmija fl-Artikolu 42(5) skont l-Artikolu 43(2)(b);
4. ikollu għarfien rilevanti u xieraq dwar u esperjenza fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data;
5. ikollu għarfien rilevanti u xieraq dwar u esperjenza f'miżuri tekniċi u organizzattivi ta' protezzjoni tad-data skont kif ikun rilevanti.
6. ikun kapaċi juri esperjenza fl-oqsma msemmija fir-rekwiżiti addizzjonali 6.1.1, 6.1.4, u 6.1.5, speċifikament

Għal persunal b'kompetenza teknika:

- ) Kiseb kwalifika f'qasam rilevanti ta' kompetenza teknika għal mill-inqas livell tal-EQF 6<sup>20</sup> jew titlu protett rikonoxxut (pereżempju Dipl. Ing.) fil-professjoni regolata rilevanti jew ikollu esperjenza professjonali sinifikanti.
- ) *Il-persunal responsabbli mid-deċiżjonijiet ta' ċertifikazzjoni* jeħtieġ esperjenza professjonali sinifikanti fl-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-protezzjoni tad-data.
- ) *Il-persunal responsabbli mill-evalwazzjonijiet* jitlob esperjenza professjonali fil-protezzjoni tad-data teknika u l-għarfien u l-esperjenza fi proċedura komparabbli (pereżempju ċertifikazzjonijiet/awditjar), u rreġistrat kif applikabbli.

<sup>20</sup> Ara l-għodda ta' paragun qafas dwar il-kwalifiki fuq <https://ec.europa.eu/ploteus/en/compare?>



Il-persunal għandu juri li għandu għarfien speċifiku għad-dominju fil-ħiliet tekniċi u tal-awditjar permezz ta' żvilupp professjonali kontinwu.

Għal persunal b'kompetenza legali:

- J Studji legali f'università tal-UE jew rikonoxxuta mill-Istat għal mill-inqas tmien semestri inkluż il-grad akkademiku fil-grad (LL.M.) jew grad ekwivalenti, jew esperjenza professjonali sinifikanti.
- J *Il-persunal responsabbli għad-deċiżjonijiet ta' ċertifikazzjoni* għandu juri esperjenza professjonali sinifikanti fil-liġi dwar il-protezzjoni tad-data u għandu jkun reġistrat kif meħtieġ mill-Istat Membru.
- J *Il-persunal responsabbli mill-evalwazzjonijiet* għandu juri mill-inqas sentejn esperjenza professjonali fil-liġi dwar il-protezzjoni tad-data u l-għarfien u l-esperjenza fi proċeduri komparabbli (pereżempju ċertifikazzjonijiet/awditjar), u jkun irreġistrat meta meħtieġ mill-Istat Membru.
  - o Il-persunal għandu juri li għandu għarfien speċifiku għad-dominju fil-ħiliet tekniċi u tal-awditjar permezz ta' żvilupp professjonali kontinwu.

## 6.2 Riżorsi għall-evalwazzjoni

Jistgħu jiġu fformulati rekwiżiti addizzjonali mill-awtorità superviżorja jekk ikunu konformi mal-liġi nazzjonali.

# 7 REKWIŻITI TAL-PROĊESS, ARTIKOLU 43(2)(C), (D)

## 7.1 Ġenerali

Il-korp tal-akkreditazzjoni għandu, b'żieda mar-rekwiżit li hemm fit-Taqsima 7.1 ISO/IEC 17065/2012, ikun meħtieġ li jiżgura dan li ġej:

1. Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti addizzjonali tal-awtorità superviżorja kompetenti (skont l-Artikolu 43(1)(b)) meta jissottomettu l-applikazzjoni sabiex il-kompiti u l-obbligi ma jwasslux għal kunflitt ta' interessi skont l-Artikolu 43(2)(b);
2. Is-CSAs rilevanti jiġu notifikati minn qabel ma korp taċ-ċertifikazzjoni jibda jopera Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fi Stat Membru ġdid minn uffiċċju satellita.

## 7.2 Applikazzjoni

Minbarra l-punt 7.2 tal-ISO/IEC 17065/2012, għandu jkun meħtieġ li:

1. l-oġġett ta' ċertifikazzjoni (Mira ta' Evalwazzjoni, *Target of Evaluation*, ToE) ikun deskritt fid-dettall fl-applikazzjoni. Dan jinkludi wkoll interfaċċi u trasferimenti għal sistemi u organizzazzjonijiet oħrajn, protokollu u assigurazzjonijiet oħra;
2. l-applikazzjoni għandha tispeċifika jekk il-proċessuri jintużawx, u meta proċessuri huma l-applikant, ir-responsabbiltajiet u l-kompiti tagħhom għandhom jiġu deskritti, u l-applikazzjoni għandu jkun fiha l-kuntratt(i) tal-kontrollur/proċessur rilevanti.

## 7.3 Rieżami tal-Aplikazzjoni

Minbarra l-punt 7.3 tal-ISO/IEC 17065/2012, għandu jkun meħtieġ li:

1. metodi vinkolanti ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-Mira ta' Evalwazzjoni (ToE) għandhom jiġu stabbiliti fil-ftehim ta' ċertifikazzjoni;
2. il-valutazzjoni f' 7.3(e) ta' jekk hemmx biżżejjed għarfien espert tqis kemm l-għarfien espert tekniċu kif ukoll dak legali fil-protezzjoni tad-data.

## 7.4 Evalwazzjoni

Minbarra l-punt 7.4 tal-ISO/IEC 17065/2012, il-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni għandhom jiddeskrivu metodi ta' evalwazzjoni suffiċjenti għall-valutazzjoni tal-konformità tal-operazzjoni(jiet) ta' proċessar mal-kriterji ta' ċertifikazzjoni, inkluż, pereżempju, fejn applikabbli:

1. metodu għall-valutazzjoni tan-neċessità u l-proporzjonalità ta' operazzjonijiet ta' proċessar fir-rigward tal-għan tagħhom u s-suġġetti tad-data kkonċernati;
2. metodu għall-evalwazzjoni tal-kopertura, il-kompożizzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji kollha kkunsidrati mill-kontrollur u l-proċessur fir-rigward tal-konsegwenzi legali skont l-Artikoli 30, 32 u 35 u 36 tal-GDPR, u fir-rigward tad-definizzjoni ta' miżuri tekniċi u organizzattivi skont l-Artikoli 24, 25 u 32 tal-GDPR, sa fejn l-Artikoli msemmija qabel japplikaw għas-suġġett taċ-ċertifikazzjoni, u
3. metodu għall-valutazzjoni tar-rimedji, inklużi garanziji, salvagwardji u proċeduri biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data personali fil-kuntest tal-ipproċessar li għandu jiġi attribwit għall-oġġett taċ-ċertifikazzjoni u biex jintwera li r-rekwiżiti legali kif stabbiliti fil-kriterji ġew issodisfati; kif ukoll
4. dokumentazzjoni ta' metodi u sejbiet.

Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun meħtieġ li jiżgura li dawn il-metodi ta' evalwazzjoni jkunu standardizzati u ġeneralment applikabbli. Dan ifisser li jintużaw metodi komparabbli ta' evalwazzjoni għal ToEs komparabbli. Kwalunkwe devjazzjoni minn din il-proċedura għandha tiġi ġġustifikata mill-korp ta' ċertifikazzjoni.

Minbarra l-punt 7.4.2 tal-ISO/IEC 17065/2012, għandu jkun permess li l-evalwazzjoni ssir minn esperti esterni li jkunu ġew rikonoxxuti mill-korp ta' ċertifikazzjoni.

Minbarra l-punt 7.4.5 tal-ISO/IEC 17065/2012, għandu jkun meħtieġ li ċ-ċertifikazzjoni tal-protezzjoni tad-data skont l-Artikoli 42 u 43 tal-GDPR, li diġà tkopri parti mill-oġġett taċ-ċertifikazzjoni, tkun tista' tiġi inkluża f'ċertifikazzjoni attwali. Madankollu, mhux se jkun biżżejjed li l-evalwazzjonijiet (parzjali) jiġu sostitwiti kompletament. Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jkun obligat li jivverifika l-konformità mal-kriterji. Ir-rikonoxximent għandu b'xi mod jirrikjedi d-disponibbiltà ta' rapport sħiħ ta' evalwazzjoni jew informazzjoni li tippermetti evalwazzjoni tal-attività ta' ċertifikazzjoni ta' qabel u r-riżultati tagħha. Dikjarazzjoni ta' ċertifikazzjoni jew ċertifikati ta' ċertifikazzjoni simili ma għandhomx jitqiesu suffiċjenti biex jissostitwixxu rapport.

Minbarra l-punt 7.4.6 tal-ISO/IEC 17065/2012, għandu jkun meħtieġ li l-korp ta' ċertifikazzjoni jistabbilixxi fid-dettall fil-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni tiegħu kif l-informazzjoni meħtieġa f'punt 7.4.6 tinforma lill-klijent (applikant għaċ-ċertifikazzjoni) dwar nuqqas ta' konformità minn mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni. F'dan il-kuntest, mill-inqas għandhom jiġu definiti n-natura u ż-żmien ta' tali informazzjoni.

Minbarra l-punt 7.4.9 tal-ISO/IEC 17065/2012, għandu jkun meħtieġ li d-dokumentazzjoni tkun aċċessibbli b'mod sħiħ għall-awtorità ta' sorveljanza tal-protezzjoni tad-data meta din tintalab.

## 7.5 Rieżami

Minbarra l-punt 7.5 tal-ISO/IEC 17065/2012, huma meħtieġa proċeduri għall-għoti, reviżjoni u revoka regolari taċ-ċertifikazzjonijiet rispettivi skont l-Artikolu 43(2) u 43(3).

## 7.6 Deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni

Minbarra l-punt 7.6.1 tal-ISO/IEC 17065/2012, il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jkun meħtieġ li jstabbilixxi fid-dettall fil-proċeduri tiegħu kif l-indipendenza u r-responsabbiltà tiegħu fir-rigward tad-deċiżjonijiet ta' ċertifikazzjoni individwali jkunu żgurati.

### 7.7 Dokumentazzjoni ta' ċertifikazzjoni

Minbarra l-punt 7.7.1.e tal-ISO/IEC 17065/2012 u skont l-Artikolu 42(7) GDPR, għandu jkun meħtieġ li l-perjodu ta' validità ta' ċertifikazzjonijiet ma jaqbiż it-tliet snin.

Minbarra l-punt 7.7.1.e tal-ISO/IEC 17065/2012, għandu jkun meħtieġ li l-perjodu ta' monitoraġġ maħsub fit-tifsira tat-Taqsima 7.9 jiġi dokumentat ukoll.

Minbarra l-punt 7.7.1.f tal-ISO/IEC 17065/2012, il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jkun meħtieġ li jsemmi l-oġġett ta' ċertifikazzjoni fid-dokumentazzjoni ta' ċertifikazzjoni (fejn jiddikjara l-istatus tal-verżjoni jew karatteristiċi simili, jekk applikabbli).

### 7.8 Direttorju ta' prodotti ċertifikati

Minbarra l-punt 7.8 tal-ISO/IEC 17065/2012, il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jkun meħtieġ li jżomm l-informazzjoni dwar prodotti, proċessi u servizzi ċertifikati disponibbli internament u pubblikament disponibbli. Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jipprovdi lill-pubbliku sommarju eżekuttiv tar-rapport ta' evalwazzjoni. L-għan ta' dan is-sommarju eżekuttiv huwa li jgħin fit-trasparenza madwar dak li ġie ċertifikat u kif ġie vvalutat. Se jispjega affarijiet bħal:

- (a) l-ambitu ta' ċertifikazzjoni u deskrizzjoni sinifikanti tal-oġġett ta' ċertifikazzjoni (ToE),
- (b) il-kriterji ta' ċertifikazzjoni rispettivi (inklużi l-verżjoni jew l-istatus funzjonali),
- (c) il-metodi ta' evalwazzjoni u t-testijiet imwettqa u
- (d) r-riżultat(i).

Minbarra l-punt 7.8 tal-ISO/IEC 17065/2012 u skont l-Artikolu 43(5) tal-GDPR, il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jinforma lill-awtoritajiet supervizzorji kompetenti bir-raġunijiet għall-għoti jew ir-revoka ta' ċertifikazzjoni mitluba.

### 7.9 Sorveljanza

Minbarra l-punti 7.9.1, 7.9.2 u 7.9.3 tal-ISO/IEC 17065/2012, u skont l-Artikolu 43(2)(c) tal-GDPR, għandu jkun meħtieġ li l-miżuri ta' monitoraġġ regolari jkunu obbligatori biex tinżamm iċ-ċertifikazzjoni matul il-perjodu ta' monitoraġġ.

### 7.10 Bidliet li jaffettwaw iċ-ċertifikazzjoni

Minbarra l-punti 7.10.1 u 7.10.2 tal-EN ISO/IEC 17065/2012, il-bidliet li jaffettwaw iċ-ċertifikazzjoni li għandhom jitqiesu mill-korp ta' ċertifikazzjoni għandhom jinkludu: emendi għal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data, l-adozzjoni ta' atti delegati tal-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikoli 43(8) u 43(9), deċiżjonijiet tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u deċiżjonijiet tal-qorti relatati mal-protezzjoni tad-data. Il-proċeduri ta' bidla li għandhom jiġu miftiehma hawnhekk jistgħu jinkludu affarijiet bħal: perjodi ta' tranżizzjoni, proċess ta' approvazzjonijiet b'awtorità ta' supervizzjoni kompetenti, rivalutazzjoni tal-oġġett ta' ċertifikazzjoni rilevanti u miżuri xierqa biex tiġi revokata iċ-ċertifikazzjoni jekk l-operazzjoni tal-ipproċessar iċ-ċertifikata ma tkunx aktar konformi mal-kriterji aġġornati.

### 7.11 Terminazzjoni, tnaqqis, sospensjoni jew irtirar ta' ċertifikazzjoni

Minbarra l-Kapitolu 7.11.1 tal-ISO/IEC 17065/2012, il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jkun meħtieġ li jinforma lill-awtorità supervizzorja kompetenti u lill-KAN fejn rilevanti minnufih bil-miktub dwar il-miżuri meħuda u dwar il-kontinwazzjoni, ir-restrizzjonijiet, is-sospensjoni u l-irtirar ta' ċertifikazzjoni.

Skont l-Artikolu 58(2)(h), il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jkun meħtieġ jaċċetta deċiżjonijiet u ordnijiet mill-awtorità superviżorja kompetenti biex jirtira jew ma joħroġx ċertifikazzjoni lil klijent (applikant) jekk ir-rekwiżit għaċ-ċertifikazzjoni ma jkunx ġie jew ma jkunx għadu qed jiġi sodisfatt.

## 7.12 Rekords

Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jkun obligat li jżomm id-dokumentazzjoni kollha kompluta, komprensibbli, aġġornata u adatta għall-verifika.

## 7.13 Ilmenti u appelli, Artikolu 43(2)(d)

Minbarra l-punt 7.13.1 tal-ISO/IEC 17065/2012, il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jkun meħtieġ li jiddefinixxi:

- (a) min jista' jressaq ilmenti jew oġġezzjonijiet,
- (b) min jipproċessahom fil-parti tal-korp ta' ċertifikazzjoni,
- (c) liema verifiki jseħħu f'dan il-kuntest; kif ukoll
- (d) il-possibbiltajiet ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati.

Minbarra l-punt 7.13.2 tal-ISO/IEC 17065/2012, il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jkun meħtieġ li jiddefinixxi:

- (a) kif u lil min għandha tingħata din il-konferma,
- (b) il-limiti ta' żmien għal dan; kif ukoll
- (c) liema proċessi għandhom jibdew wara.

Minbarra l-punt 7.13.1 tal-ISO/IEC 17065/2012, il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jiddefinixxi kif is-separazzjoni bejn l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u t-trattament tal-appelli u l-ilmenti hija żgurata.

# 8 REKWIŻITI TAS-SISTEMA TA' ĠESTJONI

Rekwiżit ġenerali tas-sistema ta' ġestjoni skont il-kapitolu 8 tal-ISO/IEC 17065/2012 huwa li l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti kollha mill-kapitoli preċedenti fl-ambitu tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni mill-korp taċ-ċertifikazzjoni akkreditat tkun dokumentata, evalwata, ikkontrollata u mmonitorjata b'mod indipendenti.

Il-prinċipju bażiku tal-ġestjoni huwa li tiġi definita sistema li skontha l-għanijiet tagħha huma stabbiliti b'mod effettiv u effiċjenti, b'mod speċifiku: l-implimentazzjoni tas-servizzi ta' ċertifikazzjoni — permezz ta' speċifikazzjonijiet xierqa. Dan jeħtieġ trasparenza u verifikabbiltà tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni mill-korp ta' ċertifikazzjoni u l-konformità permanenti tiegħu.

Għal dan il-għan, is-sistema ta' ġestjoni għandha tispeċifika metodoloġija għall-kisba u l-kontroll ta' dawn ir-rekwiżiti f'konformità mar-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-data u għall-kontroll kontinwu tagħhom mal-korp akkreditat innifsu.

Dawn il-prinċipji ta' ġestjoni u l-implimentazzjoni dokumentata tagħhom għandhom ikunu trasparenti u żvelati mill-korp ta' ċertifikazzjoni akkreditat skont il-proċedura ta' akkreditazzjoni skont l-Artikolu 58 u minn hemm 'il quddiem fuq talba tal-awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-data fi kwalunkwe ħin matul investigazzjoni fil-forma ta' reviżjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data skont l-Artikolu 58(1)(b) jew reviżjoni taċ-ċertifikazzjonijiet maħruġa skont l-Artikolu 42(7) skont l-Artikolu 58(1)(c).

B'mod partikolari, il-korp ta' ċertifikazzjoni akkreditat għandu jagħmel pubbliċi b'mod permanenti u kontinwu liema ċertifikazzjonijiet twettqu fuq liema bażi (jew mekkaniżmi jew skemi ta'

ċertifikazzjoni), kemm huma twal iċ-ċertifikazzjonijiet validi taħt liema qafas u kundizzjonijiet (premissa 100).

#### 8.1 Rekwiżiti tas-sistema ġenerali ta' ġestjoni

L-awtorità ta' superviżjoni kompetenti tista' tispeċifika u żżid aktar rekwiżiti addizzjonali jekk ikunu konformi mal-liġi nazzjonali.

#### 8.2 Dokumentazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni

L-awtorità ta' superviżjoni kompetenti tista' tispeċifika u żżid aktar rekwiżiti addizzjonali jekk ikunu konformi mal-liġi nazzjonali.

#### 8.3 Kontroll ta' dokumenti

L-awtorità ta' superviżjoni kompetenti tista' tispeċifika u żżid aktar rekwiżiti addizzjonali jekk ikunu konformi mal-liġi nazzjonali.

#### 8.4 Il-kontroll tar-reġistri

L-awtorità ta' superviżjoni kompetenti tista' tispeċifika u żżid aktar rekwiżiti addizzjonali jekk ikunu konformi mal-liġi nazzjonali.

#### 8.5 L-Eżami mill-Maniġment

L-awtorità ta' superviżjoni kompetenti tista' tispeċifika u żżid aktar rekwiżiti addizzjonali jekk ikunu konformi mal-liġi nazzjonali.

#### 8.6 Awditi interni

L-awtorità ta' superviżjoni kompetenti tista' tispeċifika u żżid aktar rekwiżiti addizzjonali jekk ikunu konformi mal-liġi nazzjonali.

#### 8.7 Azzjonijiet korrettivi

L-awtorità ta' superviżjoni kompetenti tista' tispeċifika u żżid aktar rekwiżiti addizzjonali jekk ikunu konformi mal-liġi nazzjonali.

#### 8.8 Azzjonijiet preventiva

L-awtorità ta' superviżjoni kompetenti tista' tispeċifika u żżid aktar rekwiżiti addizzjonali jekk ikunu konformi mal-liġi nazzjonali.

## 9 IŻJED REKWIŻITI ADDIZZJONALI<sup>21</sup>

### 9.1 Aġġornament tal-metodi ta' evalwazzjoni

Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jstabbilixxi proċeduri li jiggwidaw l-aġġornament tal-metodi ta' evalwazzjoni għall-applikazzjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni skont il-punt 7.4. L-aġġornament għandu jsir matul bidliet fil-qafas legali, ir-riskju/i rilevanti, l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u l-ispejjeż ta' implimentazzjoni tal-miżuri tekniċi u organizzattivi.

### 9.2 Żamma ta' għarfien espert

Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom jstabbilixxu proċeduri li jiżguraw it-taħriġ tal-impjegati tagħhom bil-għan li jaġġornaw il-ħiliet tagħhom, filwaqt li jqisu l-iżviluppi elenkati fil-punt 9.1.

---

<sup>21</sup> L-awtorità superviżorja kompetenti tista' tispeċifika u żżid aktar rekwiżiti addizzjonali jekk ikunu konformi mal-liġi nazzjonali.

## 9.3 Responsabbiltajiet u kompetenzi

### 9.3.1 Komunikazzjoni bejn il-KĊ u l-klijenti tiegħu

Għandu jkun hemm fis-seħħ proċeduri għall-implimentazzjoni ta' proċeduri xierqa u strutturi ta' komunikazzjoni bejn il-korp ta' ċertifikazzjoni u l-klijent tiegħu. Dan se jinkludi:

1. Iż-żamma tad-dokumentazzjoni tal-kompiti u r-responsabbiltajiet mill-korp ta' ċertifikazzjoni akkreditat, għall-fini ta'
  - a. Talbiet għall-informazzjoni, jew
  - b. Biex ikun jista' jsir kuntatt fil-każ ta' lment dwar ċertifikazzjoni.
2. Iż-żamma ta' proċess ta' applikazzjoni għall-fini ta'
  - a. Informazzjoni dwar l-istatus ta' applikazzjoni;
  - b. Evalwazzjonijiet mill-awtorità superviżorja kompetenti fir-rigward ta'
    - i. Rispons;
    - ii. Deċiżjonijiet mill-awtorità ta' sorveljanza kompetenti.

### 9.3.2 Dokumentazzjoni tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni

Rekwiżiti addizzjonali jistgħu jiġu fformulati mill-awtorità superviżorja.

### 9.3.3 Maniġġjar tal-ġestjoni tal-ilmenti

Għandu jiġi stabbilit trattament ta' lment bħala parti integrali mis-sistema ta' ġestjoni, li għandu b'mod partikolari jimplimenta r-rekwiżiti tal-punti 4.1.2.2 lit. c), 4.1.2.2 lit. j), 4.6 lit. d) u 7.13 ISO/IEC 17065/2012.

L-ilment u l-oġġezzjonijiet rilevanti għandhom jiġu kondiviżi mal-awtorità ta' superviżjoni kompetenti.

### 9.3.4 Ġestjoni ta' rtirar

Il-proċeduri fil-każ ta' sospensjoni jew irtirar tal-akkreditazzjoni għandhom jiġu integrati fis-sistema ta' ġestjoni tal-korp ta' ċertifikazzjoni inklużi n-notifiki tal-klijenti.